

# LINJI GWIDA GĦALIEX U KIF TINKLUDI LIL DAWK LI JFASSLU L-POLITIKA FL-AZZJONIJIET TA’ DIMOSTRAZZJONI FIR-RAZZETT

**DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ**

Din il-linja gwida hija maħsuba biex tappoġġja lill-kowċis tal-hubs u lill-mexxejja tan-netwerk ta' NEFERTITI sabiex b'mod proattiv jinvolvu lil dawk li jfasslu l-politika fl-attivitajiet tagħhom, billi tagħtihom xi rakkomandazzjonijiet (u materjal ta' appoġġ) metodoloġiċi u prattiċi.

**Sommarju tad-Dokument**


**Titolu:** Linji Gwida – Għaliex u Kif Tinkludi lil Dawk li Jfasslu l-Politika fl-Azzjonijiet ta' Dimostrazzjoni fir-Razzett

**Verżjoni:** FINAL 15/12/2020

**Pakkett ta' ħidma relatat:** WP6

**Awtur(i):** Provincie Zuid Holland, Regione Toscana, Seinäjoki University of Applied Sciences

**Livell ta' komunikazzjoni:** PU Public

**Numru ta' Ftehim ta' Għotja:** 7727053

**Programm:** NEFERTITI

**Durata tal-proġett:** Jannar 2018- Settembru 2022

**Koordinatur tal-proġett:** Adrien Guichaoua

**NEFERTITI Networking ta' Rziezet Ewropej biex Titjieb il-Fertilizzazzjoni Inkroċjata u l-Adozzjoni tal-Innovazzjoni permezz tad-Dimostrazzjoni**


# WERREJ


1 // Introduzzjoni 3

2 // Il-grupp fil-mira: Lil min għandna nikkunsidraw bħala dak li jfassal il-politika? 4

3 // Approċċi rilevanti għas-sensibilizzazzjoni f'"dawk li jfasslu l-politika" 5

4 // Passi rakkomandati sabiex wieħed jinvolvi lil "dawk li jfasslu l-politika" b'mod xieraq 6

5 // ANNESS: Mudell ta' stedina 8



# 1
# Introduzzjoni

Jekk irridu li l-Irziezet ta' Dimostrazzjoni jiġu integrati f'Sistemi ta' Għarfien Agrikolu u Innovazzjoni, l-involviment ta' dawk li jfasslu l-politika f'attivitajiet ta' dimostrazzjoni hija kwistjoni importanti ħafna għar-rikonoxximent u l-appoġġ xieraq tagħhom fl-ekosistema tal-innovazzjoni.

Permezz tal-involviment ta' dawk li jfasslu l-politika, mil-livell lokali sa dak internazzjonali, l-attivitajiet tad-dimostrazzjoni jistgħu jiksbu viżibilità u, konsegwentement, finanzjament u rilevanza.

L-attivitajiet tal-irziezet tad-dimostrazzjoni huma importanti għax għandhom il-kapaċità li jgħaqqdu lill-bdiewa u lill-konsulenti tagħhom f'ambjent innovattiv; permezz ta' dimostrazzjonijiet, il-bdiewa jistgħu jesperimentaw, jinnovaw, jitgħallmu u jiskambjaw l-aħjar prattiki u networking bejniethom.

Jekk attività ta' dimostrazzjoni tiġi organizzata b'mod li jeskludi atturi rilevanti tal-ispirali kwadrupla tal-innovazzjoni (eż., tillimita d-dimostrazzjoni għall-bdiewa u dawk li jippromwovu l-innovazzjoni), il-potenzjal li s-soluzzjoni l-ġdida tiġi effettivament adottata jista' jiġi mminat.

L-involviment ta' dawk li jfasslu l-politika għandu l-potenzjal li jattiva strumenti rilevanti li jistgħu jappoġġaw aħjar l-innovazzjoni, li jiffavorixxu ambjent fertili sabiex tiġi adottata b'mod iktar wiesa' (eż., regolamentazzjoni speċifika, skemi ta' appoġġ, disseminazzjoni u taħriġ).



# 2
# Il-grupp fil-mira: Lil min għandna nikkunsidraw bħala dawk li jfasslu l-politika?

Dawk li jfasslu l-politika huma, kif jissuġġerixxi isimhom, nies li jagħmlu l-politiki, nies li jista' jkollhom rwol ewlieni fl-għajnuna u l-finanzjament ta' attivitajiet ta' dimostrazzjoni; mhux biss, jistgħu jkunu l-atturi li jtejbu s-sitwazzjoni billi jxerrdu l-aħjar prattiki, eżempji u kisbiet permezz tan-network u r-rwol politiku u tekniku tagħhom.

Filfatt, it-triq għas-sostenibbiltà tgħaddi mill-innovazzjonijiet u l-kisbiet tal-attivitajiet ta' dimostrazzjoni.

Dawk li jfasslu l-politika jistgħu jkunu importanti irrispettivament mill-pożizzjoni istituzzjonali tagħhom: membru ta' gvern Lokali, Reġjonali jew Nazzjonali, membru tal-Parlament Nazzjonali jew ta' wieħed Ewropew, dawn kollha jistgħu jkunu prezzjużi biex jagħtu spinta lill-kawża (u l-innovazzjoni) tal-bdiewa.

Fil-fatt, dawk li jfasslu l-politika li jistgħu jkunu ta' valur għad-dimostrazzjoni tal-biedja, mhumiex biss politiċi eletti iżda wkoll dawk li b'mod iktar ġenerali jimmaniġġjaw strumenti ta' politika li jistgħu joħolqu benefiċċji għad-dinja agrikola (b'mod partikolari għall-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija) u, viċeversa, dawk li jistgħu jirċievu spirazzjoni minn attivitajiet ta' dimostrazzjoni: Uffiċjali inkarigati minn għodod speċifiċi ta' politika (eż., Programmi ta' Finanzjament, Miżuri ta' Żvilupp Rurali), Maniġers ta' Klusters Teknoloġiċi (li jaġixxu skont il-mandat ta' korpi pubbliċi) u, għalhekk, għaċ-ċifri kollha li jiffinanzjaw jew jiddefinixxu politiki biex jappoġġjaw l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija.



# 3

# Approċċi rilevanti għas-sensibilizzazzjoni ta' "dawk li jfasslu l-politika"

Ovvjament, l-uniku mod kif tinvolvi lil dawk li jfasslu l-politika huwa li tistedinhom għall-avveniment. L-istedina mhix effiċjenti fiha nnifisha iżda xi prekundizzjonijiet huma ta' benefiċċju u jistgħu jtejbu ċ-ċansijiet li tiġbed l-attenzjoni tal-grupp fil-mira tagħna.

### Iffokar kemm jista' jkun fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-involviment

L-ewwelnett, u bħal dejjem, l-avveniment għandu jkun iffukat b'mod ċar.

Il-fokus għandu jiġi spjegat tajjeb u jkun konness ma' approċċi sistemiċi jew sfidi settorjali rilevanti. Idealment, dan għandu jippermetti konnessjonijiet ma' opportunitajiet leġiżlattivi jew ta' programmazzjoni speċifiċi.

### Żgura l-involviment ta' atturi rilevanti oħra mill-ispirali kwadrupla

Esperti u membri tal-akkademja jistgħu jġibu approċċ iktar xjentifiku u wiesa' għall-attivitajiet tad-dimostrazzjoni. Għal din ir-raġuni, għandhom jiġu mistiedna dawk li jittrattaw suġġetti rilevanti sabiex tingħata leġittimità usa' lill-attività tad-Dimostrazzjoni: il-preżenza tagħhom tista' tagħti aktar kapital ta' leġittimità lill-bdiewa, għall-involviment ta' dawk li jfasslu l-politika u għat-tixrid tal-għarfien. Filfatt, huwa utli wkoll li jinbena l-korp teoretiku tal-avveniment u li jiġu prodotti rapporti u artikoli.

Barra minn hekk, huwa importanti wkoll li tinvolvi s-settur tan-negozju fl-attività ta' dimostrazzjoni u ta' disseminazzjoni: ir-rappreżentanti tan-negozju jistgħu jkunu interessati fil-proposti u s-sejbiet tiegħek u eventwalment jistabbilixxu sħubijiet jew kollaborazzjoni konvenjenti b'mod reċiproku. Addizzjonalment, dawk li jfasslu l-politika se jkunu interessati li jisimgħu l-perspettiva tan-negozju dwar is-suġġett tal-avveniment: is-settur tan-negozju huwa importanti għall-politiċi, għall-elezzjoni mill-ġdid tagħhom u fid-dawl tal-azzjonijiet ta' lobbying li huma diġà esposti għalihom.

### Indirizza l-istedina lill-persuna ta' kuntatt it-tajba

Tistenniex li l-istedina tiegħek tiġi pproċessata b'mod korrett jekk tibgħatha lil kuntatti ta' indirizzi postali jew tas-segretarjat ġenerali. Kun żgur li tkun taf min hu l-kuntatt it-tajjeb u agħmel stedina personali, fejn tispjega l-ħtieġa u l-interess għall-involviment tiegħu.



# 4

# Passi rakkomandati sabiex tinvolvi kif xieraq lil "Dawk li jfasslu l-politika"

## PASS 1 STEDINA MINN QABEL

Xahrejn jew tliet xhur qabel l-avveniment, dawk li jfasslu l-politika u l-mistednin l-oħra kollha għandhom jiġu mistiedna: l-aħjar mod kif tagħmel dan (jekk kuntatt dirett man-network ma jkunx possibbli) huwa billi tibgħat email lill-uffiċċji tagħhom.

Fl-email għandu jkun hemm speċifikat tajjeb (u fil-qosor) is-suġġett, il-proporzjon, il-programm (ikun aħjar jekk dan jiġi spjegat f'fuljett magħmul sew) u l-parteċipanti għall-avveniment.

B'mod partikolari, biex tattira l-attenzjoni u l-interess tal-mistednin potenzjali, importanti li tenfasizza l-elementi partikolari jew uniċi tal-inizjattiva – eż. imsieħba industrijali jew kummerċjali sinifikanti, grad ta' innovazzjoni tad-dimostrazzjoni, potenzjal għat-territorju/is-settur, eċċ.

Enfasizza wkoll il-possibbiltà li jinvolvu ruħhom f'dibattitu jew diskussjoni tal-panel fejn ikunu jistgħu jaqsmu fehmiet, ideat u tħassib ma' atturi oħra (membri tal-akkademja, rappreżentanti tas-settur tan-negozju, soċjetà ċivili, eċċ.). Il-vuċi tal-bdiewa għandha tiġi enfasizzata wkoll.

Ġeneralment, jekk min ifassal il-politika huwa politiku elett huwa rakkomandabbli li jingħata "post prominenti", b'xi mod viżibbli; pereżempju billi tistiednu jingħaqad ma' dibattitu tal-panel jew tistaqsih jagħmel diskors/diskors ta' introduzzjoni.

F'każ li min ifassal il-politika jkun figura iktar teknika, minflok, jista' jkun pożittiv li tinkludih fl-attività: dan jista' jsir billi tagħtih parti attwali fl-attività tad-dimostrazzjoni jew saħansitra f'sitwazzjoni ta' "qligħ personali" għalih. L-avveniment tad-dimostrazzjoni jista' jżid xi ħaġa fil-ħajja professjonali tat-tekniku, forsi jista' jużaha biex jiġbor xi materjal utli għax-xogħol tiegħu.

## PASS 2 STEDINA FORMALI

Ladarba tkun identifikajt sew lill-persuna jew il-grupp fil-mira tiegħek, tista' tipproċedi bi stedina formali.

NEFERTITI żviluppat mudell li jista' jiġi adattat għall-kamp ta' applikazzjoni. **Dan huwa disponibbli bħala anness fl-aħħar paġna tal-linji gwida.**



## PASS 3 APPOĠĠ FUQ IL-POST

B'mod ġenerali, l-aqwa mod huwa li tagħmel l-affarijiet bla xkiel kemm jista' jkun. Hawn għandek ftit indikazzjonijiet:

- Issimplifika kemm tiflaħ u agħmel il-post fejn issir l-attività viżibbli.
- Ipprovdi fuljett ta' spjegazzjoni tal-attività/attivitajiet u tat-tema tal-avveniment.
- L-aspetti loġistiċi tal-avveniment għandhom ikunu organizzati tajjeb, pereżempju jista' jkun tajjeb li tindika persuna biex tappoġġja speċifikament lil min ifassal il-politika (tagħtihom struzzjonijiet dwar l-iskop u l-benefiċċji possibbli tal-preżenza tal-mistieden).
- Ġeneralment, jekk l-avveniment suppost idum ħafna, huwa rakkomandabbli li tiskeda pawża għall-kafè, b'xi ikel ħafif ipprovdut, biex l-avveniment u l-informazzjoni pprovduta jkunu aktar diġestibbli u biex tinkoraġġixxi networking informali.
- F'każ li l-avveniment jibda qabel l-ikla ta' nofsinjar u jispiċċa wara ħin l-ikel, nissuġġerixxu li tiskeda u tipprovdi ftit ikel u xorb għal pawża għall-ikel.
- Fi kwalunkwe każ, tajjeb li tiġi skedata parentesi informali fejn il-mistednin jistgħu jinnetworkjaw u fejn għandu dejjem jiġi pprovdut xi ikel ħafif: dan jagħmel l-avveniment iktar attraenti għal dawk li jfasslu l-politika u n-networking ikun iktar faċli waqt li tieħu drink!

## PASS 4 SEGWITU

L-għan tal-avveniment huwa li jippromwovi d-dimostrazzjoni tal-biedja u għalhekk għandu jinftiehem bħala strument f'dik id-direzzjoni. Bħall-istrumenti kollha, huwa hemm għal ċertu għan u għal din ir-raġuni. Wara l-inizjattiva għandu jkun hemm segwitu xieraq (inkluża kwalunkwe laqgħa speċifika) biex jiġu vvalutati s-soluzzjonijiet murija u biex wieħed jifhem xi stimolu tista' tagħti lis-settur pubbliku.

L-integrazzjoni tal-innovazzjoni f'inizjattivi ta' politika jew regolatorji, finanzjament immirat, taħriġ, eċċ. għandhom jiġu mmonitorjati.



# 5
# ANNESS: Mudell tal-istedina

**MUDELL TAL-ISTEDINA**

Isem
Indirizz
Numru tat-telefown
Indirizz postali

Suġġett: Stedina għal attività ta' dimostrazzjoni

[post], [data]

Għażiż/a [isem],
Bi pjaċir kbir, nixtiequ nistednuk għal avveniment fir-razzett ta' dimostrazzjoni [isem] ġewwa [post]. F'dan l-avveniment, il-bidwi ospitanti se juri [suġġett tad-dimostrazzjoni]. Bdiewa, konsulenti, riċerkaturi, fornituri (eċċ.) se jaqsmu l-għarfien tagħhom u jiddiskutu bejniethom.
Dan l-avveniment huwa opportunità tajba biex wieħed isir konxju tad-dinamika tal-iskambju tal-għarfien bejn il-bdiewa, kif il-bdiewa qed jitgħallmu u jbiddlu s-sistemi tagħhom, kif ukoll biex issir taf dwar il-proċessi ta' innovazzjoni attwali fis-settur ta' [tip ta' settur].

[paragrafu dwar is-sitwazzjoni, żviluppi u dimostrazzjonijiet lokali]

Nixtiequ nieħdu din l-opportunità biex ngħidulek dwar il-proġett NEFERTITI (www.nefertiti-h2020.eu). Aħna naħdmu ma' 32 imsieħba minn 1-il pajjiż Ewropew. L-għan ġenerali ta' NEFERTITI huwa li jiġi stabbilit network ta' rziezet ta' dimostrazzjoni u pilota konnessi ħafna fl-UE kollha ddisinjati biex itejbu l-iskambji tal-għarfien, il-fertilizzazzjoni inkroċjata fost l-atturi u l-użu effiċjenti tal-innovazzjoni fis-settur tal-biedja permezz ta' dimostrazzjoni bejn il-pari ta' tekniki fuq 10 sfidi agrikoli ewlenin fl-Ewropa.

Fl-2019, l-ewwel sena ta' attivitajiet ta' dimostrazzjoni, organizzajna 267 avvenimenti ta' dimostrazzjoni madwar l-Ewropa kollha. Għal dawn l-avvenimenti attendew 12,000 parteċipant, li 50% minnhom kienu bdiewa. L-innovazzjonijiet ippreżentati u murija waqt avvenimenti tad-dimostrazzjoni ġew minn riċerkaturi (38%), bdiewa (36%) u kumpaniji tal-katina tal-provvista (26%).

Nittamaw li nistgħu nilqgħuk fl-avveniment tad-dimostrazzjoni tagħna fi [data] ġewwa [post]. Dan sabiex inti tkun tista' tesperjenza inti stess kemm dan l-avveniment huwa avveniment utli hu u tisma' mingħand il-bdiewa x'jaħsbu dwar l-avveniment.

Tislijiet mill-qalb,
[isem]
[dettalji ta' kuntatt]

NEFERTITI
FARMDEMO

## IMSIEĦBA NEFERTITI

Dan il-proġett irċieva finanzjament mill- programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont 2020 tal-Unjoni Ewropea taħt il-ftehim ta' għotja Nru 772705.

## IKTAR GĦODDA FUQ

**trainingkit.farmdemo.eu**